



Il-Kummissjoni
Ewropea



IL-PREMJU JAN AMOS COMENIUS għal taġħlim ta' kwalità għolja dwar l-Unjoni Ewropea

Regoli ta' Kompetizzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
Direttorat A - Strateġija tal-Politika u Evalwazzjoni
Unità A1: Strateġija u Investimenti
B-1049 Brussell

Kuntatt: eac-janamoscomenius-prize@ec.europa.eu

© European Union, 2019

IL-PREMJU JAN AMOS COMENIUS
għal tagħlim ta' kwalità għolja dwar
I-Unjoni Ewropea

Regoli ta' Kompetizzjoni

Werrej

1. Ir-raġunament u l-oġġettivi tal-Premju	5
2. Min jista' japplika - Il-kriterji tal-eliġibbiltà.....	6
3. Il-kriterji tal-premju.....	7
4. Il-proċedura tal-applikazzjoni, is-sottomissjoni, l-iskadenzi u l-evalwazzjoni	8
5. L-ammont tal-premijiet	11
6. L-arranġamenti għall-ħlas.....	11
7. Id-dokumenti	11
8. Il-promozzjoni tal-premju - Il-visibility tal-fondi tal-UE - Il-pubbliċità u	12
9. Kriterji ta' esklużjoni	13
10. L-ipproċessar tad- <i>data</i> personali	14
11. Etika	15
12. Kunflitt ta' interess	15
13. Ir-responsabbiltà għad-danni	15
14. Il-kontrolli, l-Awditi u l-investigazzjonijiet.....	16
15. L-irtirar tal-premju – L-irkupru tal-ammonti mhux dovuti	16
16. Is-sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji	16
17. Tħassir tal-kompetizzjoni.....	16
18. Il-liġi applikabbli u l-ġurisdizzjoni kompetenti.....	16
19. Evidenza fuq talba	17
20. Kuntatt	17

1. Ir-raġunament u l-oġġettivi tal-Premju

Ir-riżultati tal-istħarriġ dwar il-fehim u l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-Unjoni Ewropea huma sors ta' tħassib. Pereżempju:

- 56 % tal-Ewropej iħossu li mhumiex infurmati sew dwar kwistjonijiet tal-UE¹;
- 39 % tal-Ewropej ma jifhemux kif taħdem l-Unjoni Ewropea;
- 35 % biss tal-istudenti ta' 14-il sena jafu korrettement min jivvota biex jiġu eletti l-MEPs.
- Inqas minn nofs il-votanti li għandhom inqas minn 24 sena vvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 (42 %).

Għalkemm iż-żgħażaġh jismgħu dwar l-Unjoni Ewropea minn diversi sorsi, **l-iskejjel** jinsabu fil-qalba ta' dak li żgħażaġh Ewropej jitgħallmu dwaru. Huma jistgħu jipprovmu kuxjenza kritika dwar l-Unjoni Ewropea u sens ta' appartenenza għaliha.

Għal din ir-raġuni, il-Parlament Ewropew ippropona li jagħti l-**"Premju Jan Amos Comenius għal tagħlim ta' kwalità għolja dwar l-Unjoni Ewropea"**². Il-premju għandu l-għan li jinkoraġġixxi, jippremja u jipprovdi rikonoxximent u viżibbiltà li-xogħol tal-iskejjel li:

- **Jgħinu lill-istudenti tagħhom, b'modi li jispirawhom, biex jiksbu għarfien u fehim sostanzjali tal-Unjoni Ewropea:** l-istorja tagħha; il-valuri u l-għanijiet fundamentali tagħha; l-azzjonijiet u l-politiki tagħha; il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tagħha u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha.
- **Jistiednu lill-istudenti tagħhom biex jirriflettu b'mod kritiku dwar il-passat, il-preżent u l-futur tal-Ewropa** kif ukoll dwar il-benefiċċji u l-isfidi tal-Unjoni Ewropea.
- **Isaħħu l-motivazzjoni tal-istudenti biex jipparteċipaw fil-proċessi demokratiċi** li jiffurmaw il-futur tal-Unjoni Ewropea u r-rabta tagħhom mal-valuri fundamentali tagħha.

Fl-istess spirtu, **ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill** tal-2018 dwar il-promozzjoni ta' valuri komuni, edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim³ stiednet lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jippromovu l-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat tal-UE⁴. Ir-Rakkomandazzjoni poġġiet it-tagħlim u l-apprendiment dwar l-UE fl-iskola f'pożizzjoni prijoritarja fuq l-aġenda politika.

¹ Ewrobarmetru Standard 90, Marzu 2018.

² Il-"Premju Jan Amos Comenius għal tagħlim ta' kwalità għolja dwar l-UE" huwa ppubblikat abbażi tat-*Titolu IX tar-Regolament Finanzjarju** u previst fil-programm ta' ħidma annwali tal-2019 għall-implimentazzjoni ta' Proġetti Pilota u Azzjonijiet Preparatorji fil-qasam tal-edukazzjoni, iż-żgħażaġh, l-isport u l-kultura** ippubblikat fit-12 ta' Marzu 2019.

* Ir-Regolament UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

**<https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/sites/erasmusplus2/files/2019-annual-work-programme.pdf>

³ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1528379535771&uri=CELEX:32018H0607\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1528379535771&uri=CELEX:32018H0607(01))

⁴ Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Sibiu [L-Ewropa f'Mejju 2019](#)⁵, il-Kummissjoni Ewropea reġgħet enfazzjat l-importanza li jissaħħa il-fehim taċ-ċittadini dwar l-UE, inkluż permezz tat-tagħlim u l-apprendiment dwar l-UE fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

Madwar l-UE jeżistu prattiki tajbin ta' tagħlim dwar l-Unjoni Ewropea. u jridu jiġu rikonoxxuti. Dan il-premju se jgħin jidentifika u jippremja eżempju ta' prattika tajba fit-tagħlim dwar l-Unjoni Ewropea minn kull Stat Membru tal-UE. Se juri u jgħin ixxerred dawn il-prattiki ta' suċċess li bis-saħħa tiegħu jservu ta' eżempju għall-iskejjel fl-istess Stat Membru u mhux biss.

Għal din ir-raġuni, il-kompetizzjoni se tagħti sa 28 premju ta' EUR 8,000 kull wieħed, f'lottijiet separati, **premju għal kull Stat Membru**.

Se jingħataw premjijiet lil skejjel li jużaw approċċi li jinvolvu u li jħallu impatt biex itejbu l-għarfien u l-fehim tal-istudenti tagħhom dwar l-Unjoni Ewropea, bħal:

- **attivitajiet li jippermettu lill-istudenti jesperjenzaw il-kooperazzjoni Ewropea;**
- metodi ta' tagħlim **attivi u parteċipattivi;**
- **attivitajiet li huma integrati sew fil-kurrikulu** u li huma konnessi ma' oqsma ta' suġġetti differenti u attivitajiet oħra fl-iskola;
- **attivitajiet li jilhqgħu lill-komunità skolastika aktar wiesgħa.**
- attivitajiet li huma organizzati skont **ir-regolarità** u juru **l-impenn tal-iskola li tkompli** tgħalliem dwar l-Unjoni Ewropea b'modi li jispiraw.

2. Min jista' japplika - Il-kriterji tal-eliġibbiltà

- 1) Il-kompetizzjoni hija miftuħa biss għal **skejjel sekondarji (il-livell ISCED 2 u l-livell ISCED 3)**⁶ stabbiliti u bbażati fl-Unjoni Ewropea. L-iskejjel tal-livell ISCED 0 jew tal-livell ISCED 1 mhumiex eliġibbli biex japplikaw.
- 2) Indivdwi (fosthom għalliema individwali) mhumiex eliġibbli japplikaw; skejjel biss jistgħu japplikaw⁷.
- 3) L-iskejjel li rċevew finanzjament mill-UE jew premju ieħor mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea **għall-istess xogħol/attività li bih kieku kienu japplikaw għal dan il-premju** mhumiex eliġibbli. L-iskejjel li rċevew finanzjament mill-UE

⁵ https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/comm_sibiu_06-05_mt_0.pdf, (p. 51).

⁶ ISCED hija l-"Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni". Skont l-istruttura tas-sistema ta' edukazzjoni f'pajjiż, f'ċerti Stati Membri tal-UE jista' jkun li l-livell ta' skola ma jikkorrispondix eżatt ma' livell ISCED uniku iżda jista' jkun jolqot diversi livelli ISCED. Għall-finijiet ta' din il-kompetizzjoni, l-iskejjel jistgħu japplikaw biss permezz ta' xogħol li twettaq jew li jinsab għaddej bħalissa fil-livelli/fil-klassijiet/fis-snin tal-iskola li jikkorrispondu mal-**livell ISCED 2 u/jew mal-livell ISCED 3**.

Għal aktar dettalji dwar il-korrispondenza bejn il-livelli ISCED u l-livelli/il-klassijiet/is-snin tal-iskola fid-diversi Stati Membri tal-UE, jekk jogħġbok ara: Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice, [The Structure of the European Education Systems 2018/2019 – Schematic Diagrams, Eurydice Facts and Figures](#), il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019.

⁷ Dawn jistgħu jkunu skejjel (tal-livell ISCED 2 jew tal-livell ISCED 3) ta' edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali, teknika jew kwalunkwe tip ieħor ta' edukazzjoni sakemm ikunu uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet nazzjonali tal-edukazzjoni fi Stat Membru tal-UE.

jew premju għal xogħol **ieħor** (differenti mix-xogħol li bih kieku kienu japplikaw għal dan il-premju) huma eliġibbli japplikaw.

- 4) L-iskejjel li jiddependu finanzzarjament minn finanzjament mill-baġit tal-UE għall-operat tagħhom mhumiex eliġibbli japplikaw.
- 5) Kull skola tista' tippreżenta applikazzjoni waħda biss.
- 6) Ix-xogħol/l-attività li bih(a) l-iskola qed tapplika għall-Premju jrid/trid ikun/tkun ġie(t) implimentat(a) jew fis-sena skolastika **2018-2019** jew **2019-2020, u fi kwalunkwe każ qabel id-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet**. Xogħlijiet li għadhom qed jiġu ppreparati/mhux implimentati sad-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli. Xogħlijiet li bdew jiġu implimentati matul dawn is-sentejn skolastiċi u għadhom għaddejnin/għadhom qed jiġu implimentati fi żmien l-applikazzjoni huma eliġibbli.

Il-kriterji tal-eliġibbiltà jridu jiġu rrispettati matul il-perjodu kollu tal-Kompetizzjoni u sad-deċiżjoni tal-premju tal-Kummissjoni⁸.

3. Il-kriterji tal-premju

Huwa meħtieġ punteġġ totali minimu ta' 70/100.

Il-Premju se jingħata lill-applikazzjoni rebbieħa f'kull Stat Membru li tindirizza bl-aħjar mod l-oġġettivi stipulati fit-taqsimi 1. L-applikazzjonijiet se jiġu vvalutati b'mod separat f'lottijiet għal kull Stat Membru u skont il-kriterji li ġejjin:

KRITERJU 1: Il-kwalità u r-rilevanza tax-xogħol/tal-attività (massimu ta' 50 punt)

- 1) Ix-xogħol/l-attività propost(a) għall-Premju qiegħed/qiegħda jindirizza/tindirizza direttament l-oġġettivi tal-premju?
- 2) Ix-xogħol/l-attività li qed jiġi/tiġi propost(a) għall-Premju huwa/hija ambizzjuż(a) f'termini ta' ambitu?
- 3) Ix-xogħol/l-attività li qed jiġi/tiġi propost(a) għall-oġġettiv tal-Premju u li huwa/hija bbażat(a) fuq l-evidenza, qed juri/turi bilanċ ta' perspettivi differenti?
- 4) Il-metodi ta' tagħlim użati jinvolvu? Huma attivi u parteċipattivi? Jippermettu lill-istudenti f'din l-iskola jesperjenzaw il-kooperazzjoni Ewropea?
- 5) Ix-xogħol/l-attività li qed jiġi/tiġi propost(a) għall-Premju juri/turi elementi innovattivi jew jgħaqqad/tgħaqqad approċċi eżistenti b'mod innovattiv?

KRITERJU 2: L-impatt tax-xogħol/l-attività u il-komunikazzjoni (massimu ta' 50 punt)

- 1) Ix-xogħol/l-attività li qed jiġi/tiġi propost(a) għall-Premju involva/involviet **numru importanti** ta' studenti? L-applikazzjoni qed tipprovdi **evidenza** ta' dan?

⁸ **Għall-applikanti mir-Renju Unit:** Jekk jogħġbok kun af li l-kriterji tal-eliġibbiltà jridu jiġu rrispettati sakemm id-deċiżjoni tal-premju tittieħed mill-Kummissjoni Ewropea (l-iffirmar isir ftit wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet). Jekk ir-Renju Unit joħroġ mill-UE qabel ma tittieħed id-deċiżjoni tal-premju mingħajr ma jikkonkludi ftehim mal-UE li jiżgura li l-applikanti tiegħu jkomplu jkunu eliġibbli, l-iskejjel tar-Renju Unit mhux se jibqgħu eliġibbli li jirċievu dan il-Premju.

- 2) Ix-xogħol/l-attività li qed jiġi/tiġi propost(a) għall-Premju huwa/hija attività regolari jew permanenti tal-iskola applikanti? Huwa/hija parti integrali mill-kurrikulu fl-iskola applikanti?
- 3) Ix-xogħol/l-attività li qed jiġi/tiġi propost(a) għall-Premju għandu/għandha effett kollaterali pożittiv fuq il-kultura ġenerali tal-iskola applikanti u potenzjal li jservi/sservi ta' eżempju għal skejjel oħra f'dan l-Istat Membru?
- 4) Ix-xogħol/l-attività li qed jiġi/tiġi propost/a għall-Premju sa liema punt jista'/tista' jiġi/tiġi ttrasferit/a, huwa/hija skalabbli, adattat/a għas-sinerġiji u għall-użu minn skejjel oħra f'dan l-Istat Membru jew fi Stati Membri oħra tal-UE bla preġudizzju għad-drittijiet tal-awtur?
- 5) L-iskola ħadmet biex testendi l-għarfien u l-fehim tal-Unjoni Ewropea miksuba fl-iskola lil hinn mill-għalliema u l-istudenti għall-komunità usa'?

L-applikanti huma mistennija li jipprovdu **evidenza** tanġibbli u li tista' titkejjel dwar l-impatt li x-xogħol propost għall-Premju kellu jew qed ikollu, b'**indikaturi ta' suċċess** xierqa, bħal pereżempju n-numru ta' studenti li jieħdu sehem fix-xogħol/fl-attività.

4. Il-proċedura tal-applikazzjoni, is-sottomissjoni, l-iskadenzi u l-evalwazzjoni

L-iskeda taż-żmien indikattiva proċedurali hija:

Stadji	Data u ħin speċifiċi jew perjodu indikattiv
Il-pubblikazzjoni tas-Sejħa għall-Applikazzjonijiet	Novembru 2019
Id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet	is-6 ta' Frar 2020 fil-17:00 CET
Valutazzjoni tal-applikazzjonijiet	Marzu/April 2020
Informazzjoni lill-applikanti	April/Mejju 2020
L-ammont tal-premjijiet	Mejju 2020

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi (esklussivament) **online**.

L-applikazzjonijiet mhux kompluti jitqiesu bħala inammissibbli jekk partijiet obbligatorji tal-formola tal-applikazzjoni ma jintlewx kif xieraq.

L-ebda tibdil jew żieda mal-applikazzjoni (inkluż bidliet fil-video li l-applikanti huma meħtieġa jibagħtu) ma huma permessi wara l-iskadenza.

Jekk ikun meħtieġ li jiġu ċċarati ċerti aspetti, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja lill-applikant wara l-iskadenza.

Jekk jogħġbok evita li tibgħat l-applikazzjoni tiegħek fl-aħħar ġurnata jew fl-aħħar sigħat qabel l-iskadenza. F'dan il-każ, jista' jkun hemm riskju ta' problemi tekniċi li jistgħu jwasslu biex l-iskadenza ma tilhaqhiex.

Fil-paġna web tas-Sejħa tista' ssib sett ta' Mistoqsijiet Komuni (bit-tweġibiet tagħhom).

L-applikanti jistgħu jibagħtu l-mistoqsijiet lill-**eac-janamoscomenius-prize@ec.europa.eu** sal-**Ġimgħa 31 ta' Jannar 2020**. Ma hemm l-ebda garanzija li l-mistoqsijiet li jaslu wara dik id-data se jiġu indirizzati qabel l-iskadenza għall-applikazzjonijiet.

L-evalwaturi esterni indipendenti se jinħatru mill-Kummissjoni Ewropea biex jevalwaw l-applikazzjonijiet u jagħtu pariri lill-Kummissjoni Ewropea, li hija responsabbli għall-għażla finali tar-rebbieħa.

Iċ-ċertifikati tal-premju se jingħataw fl-2020. Dan jista' jsir f'ċerimonji tal-premjazzjoni f'kull Stat Membru fil-kuntest ta' ċelebrazzjonijiet qrib id-9 ta' Mejju.

Ir-rebbieħa jistgħu jintalbu fil-futur biex jieħdu sehem f'avvenimenti pubbliċi organizzati mill-Kummissjoni Ewropea jew minn istituzzjonijiet oħra tal-UE.

Filwaqt li l-iskejjel parteċipanti huma responsabbli li jħejju u jibagħtu l-applikazzjoni⁹, l-atturi kollha tal-ħajja tal-iskola jistgħu jikkollaboraw biex jgħinu lill-iskola tħejji l-applikazzjoni tagħha (il-kap tal-iskola; l-għalliema; l-istudenti; atturi oħrajn li l-iskola qed tikkollabora magħhom sabiex ittejjeb il-mod li bih l-iskola tgħalliem dwar l-UE, bħal pereżempju NGOs, fondazzjonijiet jew universitajiet).

L-applikazzjoni tinqasam f'żewġ partijiet:

PARTI 1: Informazzjoni pprovduta mill-iskola permezz tal-formola tal-applikazzjoni online li hija disponibbli fuq is-sit web li jħabbar il-kompetizzjoni.

Filwaqt li l-applikazzjoni hija disponibbli biss bl-Ingliż, l-applikanti jistgħu jimlewha bil-lingwa tagħhom¹⁰. Kwalunkwe informazzjoni jew materjal ieħor li l-applikanti jixtiequ jibagħtu bħala parti mill-applikazzjoni tagħhom jew jagħmlu disponibbli permezz ta' links li jagħtu fl-applikazzjoni tagħhom jistgħu wkoll ikunu bil-lingwa tal-applikant. Dan jinkludi kwalunkwe informazzjoni dwar il-kontenut proprju tax-xogħol/tal-attività li huwa propost għall-Premju (bħal, pereżempju, pjaniet ta' lezzjonijiet u kontenut ta' tagħlim u materjal li jintuża għat-tagħlim dwar l-UE f'din l-iskola).

Il-formola tal-applikazzjoni tippermetti s-sottomissjoni ta' ammont limitat ta' informazzjoni dwar ix-xogħol/l-attività li qed tipproponi għall-Premju. Għalhekk, minbarra t-test li tista' tikteb fil-kaxxi tat-test ipprovduti, il-formola tal-applikazzjoni qed titolbok tipprovduti (f'kaxxa separata) **link elettroniku** wieħed jew aktar fejn l-evalwaturi jkun jistgħu jsibu aktar informazzjoni dwar ix-xogħol/l-attività li qed tipproponi għall-Premju. Jekk jogħġbok kun af li l-links elettroniċi kollha li mhumieq qed jaħdmu/li huma skaduti/jeħtieġu reġistrazzjoni u password għall-aċċess fil-kont tiegħek, se jitqiesu invalidi u mhux se jiġu kkunsidrati¹¹.

L-applikanti mhumieq permessi jibagħtu informazzjoni jew materjal addizzjonali lill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-posta elettronika, il-posta jew mezzi oħra biex japp-

⁹ F'xi Stati Membri, l-iskejjel jista' jkollhom bżonn jiksibu awtorizzazzjoni minn awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali għall-parteċipazzjoni tagħhom f'din il-kompetizzjoni. Fi kwalunkwe każ bħal dan, l-iskola applikanti tibqa' responsabbli għat-tħejjija u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni u hija r-responsabbiltà tal-iskola li tlesti kwalunkwe arrangement proċedurali ta' dan it-tip jekk ikun meħtieġ.

¹⁰ Bi kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE: il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, l-Iżvediż.

¹¹ L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola tista' tkun il-password li tista' tkun meħtieġa biex jiġi aċċessat il-video li l-applikanti huma mitluba jissottomettu (għal aktar dettalji ara t-taqsima li jmiss).

poġġaw l-applikazzjoni tagħhom; Kwalunkwe materjal mibgħut b'dawn il-modi mhux se jiġi kkunsidrat.

PARTI 2: Video (video wieħed, uniku).

Dan il-video huwa parti integrali tal-applikazzjoni. L-għan ewlieni tiegħu huwa li juri x'jitgħallmu l-istudenti dwar l-Unjoni Ewropea f'din l-iskola partikolari, u kif jitgħallmu, il-livell ta' impenn tagħhom u l-metodi tat-tagħlim/tal-apprendiment li jintużaw.

Il-video jista' jispjega/juri r-rwol tad-diversi atturi tal-ħajja tal-iskola fil-proċessi tat-tagħlim u l-apprendiment dwar l-Unjoni Ewropea. Huwa importanti ħafna li dan jinkludi l-perspettiva tal-**istudenti** li huma mistennija juru, jiddeskrivu u jispjegaw l-esperjenza tagħhom tal-apprendiment dwar l-Unjoni Ewropea f'din l-iskola partikolari.

In-narrattiva tal-video ma għandhiex tkun sempliċement ripetizzjoni/qari tat-test fil-Parti 1 tal-applikazzjoni.

Il-video jista' jkun b'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-video jrid ikun f'format ta' MP4 b'riżoluzzjoni ta' 720. M'għandux ikun itwal minn 6 minuti.

Il-video għandu jiġi ospitat minn sit web eżistenti (bħal, pereżempju, is-sit web tal-iskola applikanti) jew minn sit web ġdid maħluq mill-applikanti għal dan il-għan. Il-formola tal-applikazzjoni qed titlob lill-applikanti biex jipprovdu l-link tal-url rilevanti.

Jekk il-video jkun protett minn password jew restrizzjonijiet oħra, dawn għandhom jingħataw lill-Kummissjoni (fuq il-formola tal-applikazzjoni online hemm mistoqsija dwar dan). Dawn se jkunu meħtieġa sabiex l-evalwaturi jkollhom aċċess għall-video. L-evalwaturi huma marbuta b'regoli stretti tal-kunfidenzjalità.

Jekk jogħġbok kun af li d-data u l-ħin li jittella' l-video fuq dan is-sit web għandhom ikunu qabel id-data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet. Jekk jinsab li l-video ttella' wara d-data tal-iskadenza, l-applikazzjoni korrispondenti tiġi miċħuda.

Ma hemm l-ebda rekwiżit/obbligu biex il-videos ikunu ta' kwalità professjonali jew miġbuda b'tagħmir u għarfien tekniku professjonali.

Videos li jintbagħtu lill-Kummissjoni b'mezzi oħra (pereżempju, bħala hemżiet mal-emails jew għodda kummerċjali tat-trasferiment tal-fajls ibbażati fuq l-internet bħal WeTransfer) mhumiex se jiġu kkunsidrati u l-applikazzjoni rilevanti se tiġi rrifjutata.

Billi jissottomettu applikazzjoni, l-applikanti jirrappreżentaw u jiġġustifikaw lill-Kummissjoni Ewropea li:

- (i) ikunu kisbu kunsens bil-miktub minn kwalunkwe individwu identifikabbli ta' età ta' 18-il sena jew aktar u/jew mid-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenitur tal-minorenni, jekk xi minorenni jkun jidher fl-applikazzjoni (jew kull komponent tagħha);
- (ii) is-sottomissjoni tagħhom ma għandhiex twassal għal dikjarazzjonijiet ta' ksur, invażjoni ta' privatezza jew pubbliċità, jew ksur ta' drittijiet u/jew interessi ta' kwalunkwe parti terza, jew twassal għal kwalunkwe talba tkun xi tkun, u lanqas tikser xi liġi jew regolament applikabbli. L-applikanti huma responsabbli jiżguraw li jinkiseb il-kunsens meħtieġ.

L-applikanti jridu jżommu l-formoli kollha ta' rilaxx miksuba peress li jistgħu jintalbu jagħtu prova li jkun ingħata l-kunsens. Fil-każ li l-applikanti jissottomettu materjal li għalih m'għandhomx il-permessi xierqa, l-applikanti jaċċettaw ir-responsabbiltà għal kwalunkwe u kull konsegwenza li tirriżulta minn dan.

5. L-ammont tal-premjijiet

Din il-kompetizzjoni se tagħti sa **28 premju ta' EUR 8,000 kull wieħed**, wieħed lil kull Stat Membru.

Madankollu, kif diġà ssemma fit-taqsima 2, jekk ir-Renju Unit jirtira mill-UE qabel ma tittieħed id-deċiżjoni tal-premju mingħajr ma jikkonkludi ftehim mal-UE li jiżgura li l-applikanti tiegħu jkomplu jkunu eliġibbli, l-iskejjel tar-Renju Unit mhux se jibqgħu eliġibbli li jirċievu l-Premju. F'dan il-każ, in-numru massimu ta' premjijiet se jkun 27 (minflok 28) iżda l-ammont għal kull premju se jibqa' l-istess (EUR 8,000).

Jekk ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni li tilħaq il-punteġġ totali minimu minn Stat Membru tal-UE wieħed jew aktar, is-surplus tal-baġit korrispondenti mhux se jiġi as-senjat mill-ġdid biex jippermetti iżjed minn premju wieħed lill-applikanti fi Stati Membri oħra tal-UE.

Il-flus tal-premjijiet imorru għall-iskejjel rebbieħa (mhux għall-individwi). L-ammont tal-premju mhux se jkun marbut mal-ispejjeż imġarrba mir-rebbieħa.

L-applikanti hawnhekk jaqblu u jaċċettaw li billi jirbħu, jista' jkollhom iħallsu taxxi, dazji jew imposti oħra inkluż, iżda mhux limitat għal, kwalunkwe taxxa fuq il-premju, taħt kwalunkwe liġijiet u regolamenti applikabbli. L-applikanti hawnhekk jaċċettaw li jħallsu kwalunkwe taxxa, dazju jew imposta oħra bħal din.

6. L-arranġamenti għall-ħlas

Il-flus tal-premju jingħataw lir-rebbieħa f'pagament wieħed bi trasferiment fil-kont bankerju tagħhom, sakemm jiġu ppreżentati d-dokumenti kollha mitluba. Il-pagament huwa ppjanat li jitlesta sal-2020. Il-validazzjoni tal-entità legali u d-dettalji tal-kont bankarju tar-rebbieħa jistgħu jintalbu wara n-notifika tad-deċiżjoni li jingħata l-premju.

7. Id-dokumenti

Id-dokumenti ta' sostenn obbligatorji huma stabbiliti fil-formola tal-applikazzjoni.

Għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikant, jintalbu d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

- Dokument uffiċjali li juri l-istatus legali tal-entità ġuridika, jiġifieri li l-applikant huwa skola rikonoxxuta uffiċjalment mill-awtoritajiet edukattivi nazzjonali fl-Istat Membru tal-UE fejn hija bbażata;
- Dikjarazzjoni fuq l-Unur dwar il-konformità mal-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-esklużjoni u dwar il-finanzjament (jew il-premju) tal-UE mhux ta' qabel għall-istess xogħol/attività.

Fi stadji suċċessivi, il-parteċipanti jistgħu jintalbu aktar dokumenti (pereżempju: il-validazzjoni tal-entità ġuridika, il-formola tal-kont tal-bank, id-dokumenti ġustifikati addizzjonali bħala appoġġ għall-eliġibbiltà, eċċ.).

8. Il-promozzjoni tal-premju - Il-viżibbiltà tal-fondi tal-UE - Il-pubbliċità u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali

8.1 Pubbliċità mir-rebbieħ(a) tal-Premju

Ir-rebbieħ(a) jistgħu jippromovu l-Premju u r-riżultati tiegħu, billi jipprovdu informazzjoni mmirata għal diversi udjenzi (inkluż il-media u l-pubbliku) b'mod strateġiku u effettiv.

Sakemm il-Kummissjoni ma titlobx jew ma taqbilx mod ieħor jew sakemm dan ma jkunx possibbli, kwalunkwe attività ta' komunikazzjoni relatata mal-azzjoni (inkluż fil-forma elettronika, permezz tal-media soċjali, eċċ) għandha:

- turi l-emblema tal-UE¹² u
- tinkludi dan it-test li ġej: "xxxxx (*isem ir-rebbieħ*) ingħata(t) il-Premju Jan Amos Comenius għal tagħlim ta' kwalità għolja dwar l-Unjoni Ewropea".

Meta tintwera flimkien ma' logo ieħor, l-emblema tal-UE trid tingħata l-prominenza xierqa.

Għall-finijiet tal-promozzjoni tal-premju, ir-rebbieħ(a) jista'/jistgħu juża(w) l-emblema tal-UE mingħajr ma l-ewwel jiksbu approvazzjoni mill-Kummissjoni. Madankollu, dan ma jagħtihx id-dritt għall-użu esklużiv.

Barra minn hekk, ir-rebbieħ(a) ma jistax/jistgħux japproprja(w) l-emblema tal-UE jew kwalunkwe marka kummerċjali jew logo simili, kemm permezz ta' reġistrazzjoni jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor.

8.2 Pubbliċità mill-Kummissjoni, drittijiet tal-proprjetà intellettuali u drittijiet ta' partijiet terzi

Il-Kummissjoni se tippubblika l-isem tal-iskejjel rebbieħa, u ssemmi l-pajjiż u l-lokalità tagħhom, l-ammont tal-premju u deskrizzjoni fil-qosor tax-xogħlijiet/tal-attivitàjiet li rebħu l-premju (probabbilment il-video wkoll jew parti minnu). Billi jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti jiddikjaraw li jippermettu din il-pubblikazzjoni.

L-applikanti kollha, inklużi r-rebbieħa, iżommu s-sjieda sħiħa tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali relatati mal-video ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-applikazzjoni tagħhom.

Billi jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti jikkonfermaw li billi jissottomettu testi, videos, immaġini jew materjal ieħor, huma jirrappreżentaw u jiġġustifikaw li huma l-uniċi awturi u detenturi tad-drittijiet tal-materjali ppreżentati u li ma jiksru l-ebda dritt tal-awtur, dritt tal-privatezza, dritt tal-immaġini, jew kwalunkwe dritt ieħor ta' kwalunkwe parti terza. Barra minn hekk, billi jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti jaċċettaw u jagħtu l-kunsens li f'każ li jingħataw il-premju:

- Il-Kummissjoni Ewropea tista' tuża, mingħajr restrizzjonijiet f'kull tip ta' publikazzjoni, f'kull forma ta' xandir televiżiv jew komunikazzjoni permezz tal-Internet jew tal-media soċjali, informazzjoni relatata max-xogħol/mal-attività u

¹² https://europa.eu/european-union/about-eu/symbols/flag_mt

dokumenti, b'mod partikolari sommarji għall-pubblikazzjoni u riżultati kif ukoll kull materjal ieħor (bħal stampi jew materjal awdjoviżiv) li tirċievi mir-rebbieħ(a) bħala parti mill-applikazzjoni tiegħu/tagħhom.

- Il-Kummissjoni Ewropea tista' tittraduċi, tirriproduċi u tawtorizza d-distribuzzjoni ta' tali informazzjoni ppreżentata mill-applikanti lill-pubbliku.
- Partijiet terzi (bħal skejjel oħrajn) jistgħu jaċċessaw, jużaw, jirriproduċu jew ixerrdu l-informazzjoni u l-materjal relatat max-xogħlijiet/mal-attivitajiet rebbieħa tal-premju li jsiru pubbliċi mill-Kummissjoni Ewropea (inkluż kwalunkwe materjal awdjoviżiv), b'mod liberu iżda b'rikonoxximent tad-drittijiet tal-awtur tas-sidien tal-materjal (l-iskola li tirbaħ il-premju) u esklussivament għal finijiet ta' informazzjoni u edukazzjoni.
- Il-Kummissjoni tista' taħżen u tarkivja informazzjoni relatata max-xogħol/attività sottomess(a) mill-applikanti (inkluż materjal awdjoviżiv) fil-bażijiet tad-*data* tal-Unjoni Ewropea aċċessibbli għall-pubbliku online.
- Ir-ritratti u l-videos meħud mill-Kummissjoni Ewropea, bi tħejjija għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju jew matulha huma l-proprjetà tal-Kummissjoni biss. Billi jis-sottomettu l-applikazzjoni tagħhom, il-parteċipanti għal kwalunkwe ċerimonja tal-għoti tal-premju rilevanti (applikanti rebbieħa u/jew rappreżentanti tal-applikazzjonijiet rebbieħa) jagħtu l-kunsens tagħhom għall-użu ta' dan il-materjal mill-Kummissjoni Ewropea għal raġunijiet promozzjonali.

Jekk il-materjali sottomessi jkun fihom xogħlijiet ta' partijiet terzi, billi jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti jiddikjaraw li jkunu kisbu d-drittijiet kollha meħtieġa, li jippermettu lill-Kummissjoni tuża l-materjali sottomessi kif speċifikat hawn fuq. Il-Kummissjoni għandha d-dritt li titlob evidenza tal-approvazzjoni tad-drittijiet ta' partijiet terzi fi kwalunkwe ħin. L-applikanti jassumu responsabbiltà sħiħa għal kwalunkwe ħsara jew telf minħabba l-ksur tad-drittijiet ta' partijiet terzi min-naħa tal-parteċipanti. F'dan ir-rigward, ir-rebbieħa tal-premju se jiġu mistiedna jimlew dikjarazzjoni dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u jissottomettuha lill-Kummissjoni qabel il-ħlas tal-premju.

9. Kriterji ta' esklużjoni

Il-parteċipanti jiġu esklużi jekk huma (jew wieħed minnhom jew persuni ewlenin li għandhom is-setgħa ta' rappreżentanza, teħid ta' deċiżjonijiet jew kontroll fuqhom)¹³:

- kienu soġġetti għal deċiżjoni finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li tikkonkludi li entità nħolqot f'ġurisdizzjoni differenti bil-ħsieb li tippermetti lill-parteċipant li jdur mal-obbligi fiskali, soċjali jew kwalunkwe obbligu legali ieħor tiegħu;
- instabu ħatja ta' reat fil-kondotta professjonali b'sentenza ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru li għandha l-forza ta' *res judicata*;
- huma falluti jew qed jiġu likwidati, qed ikollhom l-affarijiet tagħhom amministrati mill-qrati, daħlu f'arranġament ma' kredituri, issospendew l-attivitajiet tan-negozju, huma s-suġġett ta' tali proċedimenti jew proċedura simili skont il-liġi nazzjonali;

¹³ Ara l-artikoli, 136, 141, 142 u 143 tar-Regolament UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemendaw r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

- kienu ħatja ta' kondotta ħażina professjonali serja ppruvata bi kwalunkwe mezz li l-korpi tal-UE jistgħu jiġġustifikaw (inkluż b'deċiżjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investment u organizzazzjonijiet internazzjonali);
- ma jikkonformawx mal-obbligi kollha tagħhom marbutin mal-pagament tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali jew tat-taxxi (skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż li huma stabbiliti fih, ma' dawk tal-pajjiż tal-uffiċjal awtorizzanti responsabbli u ma' dawk tal-pajjiż ta' fejn se tiġi implimentata l-attività);
- ikunu rrappreżentaw ħażin l-informazzjoni meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni jew jonqsu milli jissottomettu din l-informazzjoni.
- kienu soġġetti għal sentenza li għandha s-saħħa ta' *res judicata* għal frodi, korruzzjoni, involviment f'organizzazzjoni kriminali, ħasil tal-flus jew kull attività il-legali oħra, fejn din l-attività tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-UE;
- huma soġġetti għal kunflitt ta' interess b'rabta mal-Premju;
- huma soġġetti għal sanzjoni amministrattiva għal rappreżentazzjoni ħażina tal-informazzjoni meħtieġa għall-parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist jew fi proċedura oħra għall-għoti ta' sussidju jew fin-nuqqas ta' forniment ta' din l-informazzjoni, jew iddikjarati li huma fi ksur serju tal-obbligi tagħhom skont kuntratti jew ftehimiet koperti mill-baġit tal-UE;
- ingħataw jew taw, fittxew li jiksbu, jew aċċettaw vantaġġ, finanzjarju jew *in natura*, lil jew minn kwalunkwe parti, fejn dan jikkostitwixxi prattika illegali jew jinvolvi korruzzjoni, jew direttament, jew indirettament, u huwa inċentiv jew premju relatat mal-għoti tal-premju.

10. L-ipproċessar tad-*data* personali

10.1. L-ipproċessar tad-*data* personali mill-Kummissjoni

Kwalunkwe *data* personali se tiġi pproċessata mill-Kummissjoni skont ir-Regolament Nru 2018/1725¹⁴ u skont in-"notifiki tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar" lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD) tal-Kummissjoni (aċċessibbli pubblikament fir-reġistru tal-UPD).

Din id-*data* se tiġi pproċessata mill-"**kontrollur tad-*data***", Unità A1 – id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u l-Isport- tal-Kummissjoni Ewropea għall-finijiet tal-għoti, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-premju jew għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (inklużi kontrolli, awditi u investigazzjonijiet; ara hawn taħt il-punt 14).

Il-persuni li d-*data* tagħhom tiġi pproċessata għandhom id-dritt ta' aċċess, rettifika jew tħassir tad-*data* personali tagħhom u d-dritt għal restrizzjoni jew, fejn applikabbli, id-dritt għall-portabbiltà tad-*data* jew id-dritt li joġġezzjonaw għall-ipproċessar tad-*data* skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1725. Għal dan il-għan, għandhom jibagħtu kwalunkwe mistoqsijiet dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom lill-kontrollur tad-*data*, permezz tal-indirizz elettroniku eac-janamoscomenius-prize@ec.europa.eu. Dawn ikollhom id-dritt ukoll li jagħmlu rikors fi kwalunkwe ħin għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (KEPD).

¹⁴Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

Fil-mument tal-applikazzjoni, ir-rebbieħ(a) ta/taw il-kunsens espliċitu tiegħu/tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea biex tippubblika (tkun xi tkun il-forma u l-mezz) l-informazzjoni li ġejja:

- a) Isem ir-rebbieħ;
- b) L-Istat Membru tal-oriġini tar-rebbieħ;
- c) L-ammont tal-Premju;
- d) Deskrizzjoni fil-qosor tax-xogħol/tal-attività rebbieħ(a).

10.2. L-ipproċessar tad-data personali mill-applikanti

L-applikanti jridu jipproċessaw id-data personali skont il-Ftehim f'konformità mal-liġi tal-UE u nazzjonali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data (inklużi l-awtorizzazzjonijiet jew ir-rekwiżiti ta' notifika, jekk ikun hemm).

L-applikanti jistgħu jagħtu l-aċċess lill-persunal tagħhom biss għad-data li tkun meħtieġa strettament għall-implimentazzjoni jew is-segwitu tal-premju. L-applikanti jridu jiżguraw li l-persunal awtorizzat biex jipproċessa d-data personali jkun impenja ruħu għall-kunfidenzjalità jew ikun taħt l-obbligu statutorju xieraq tal-kunfidenzjalità.

L-applikanti għandhom jinformaw lill-persunal li d-data personali tagħhom tinġabar u tiġi pproċessata mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan, għandhom jipprovduhom bid-dikjarazzjoni(jiet) tal-privatezza speċifika tas-servizz (SSPS) (ara fil-formola tal-applikazzjoni), qabel jittrażmettu d-data tagħhom lill-Kummissjoni.

11. Etika

L-attivitajiet għandhom isiru b'konformità ma':

- a) il-prinċipji etiċi u
- b) il-liġi internazzjonali, tal-UE u nazzjonali applikabbli.

12. Kunflitt ta' interess

Il-parteċipanti jridu jieħdu l-miżuri kollha biex jipprevjenu kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-għoti imparzjali u oġġettiv tal-premju jiġi kompromess għal raġunijiet li jinvolvu l-interess ekonomiku, l-affinità politika jew nazzjonali, ir-rabtiet tal-familja jew emozzjonali jew kwalunkwe interess ieħor komuni ("**kunflitt ta' interess**").

Iridu jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe sitwazzjoni li tik-kostitwixxi jew li tista' twassal għal kunflitt ta' interess u jridu jieħdu l-passi kollha meħtieġa minnufih biex jirrettifikaw din is-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tivverifika li l-miżuri meħuda jkunu xierqa u tista' teħtieġ li jittieħdu miżuri addizzjonali sa skadenza speċifikata.

13. Ir-responsabbiltà għad-danni

Il-Kummissjoni ma għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat jew sostnut minn xi wieħed mill-parteċipanti jew lil partijiet terzi bħala konsegwenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-kompetizzjoni jew matulha.

14. Il-kontrolli, l-Awditi u l-investigazzjonijiet

Il-parteċipanti jaċċettaw li, jekk jingħataw premju, il-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u l-Qorti tal-Awdituri jistgħu jwettqu kontrolli u awditi fir-rigward tal-kompetizzjoni u l-premju li jirċievu.

15. L-irtirar tal-premju – L-irkupru tal-ammonti mhux dovuti

Il-Kummissjoni tista' tirtira l-premju u tirkupra l-ħlasijiet kollha magħmula, jekk issib li:

- a) intużat informazzjoni falza jew frodi jew korruzzjoni biex inkiseb il-premju;
- b) rebbieħ ma kienx eliġibbli jew kellu jiġi eskluż;
- c) rebbieħ qed jikser b'mod serju l-obbligi tiegħu skont dawn ir-Regoli ta' Kompetizzjoni.

16. Is-sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji

Jekk parteċipant ikun ikkommetta irregolaritajiet jew frodi jew ikun għamel dikjarazzjonijiet foloz, il-Kummissjoni tista' wkoll:

- a) teskludi l-parteċipant mill-kuntratti, l-għotjiet u l-kompetizzjonijiet kollha ffinanzjati mill-baġit tal-UE għal massimu ta' ħames snin (jew għaxar snin f'każ ta' ripetizzjoni) u/jew
- b) timponi penali finanzjarja ta' bejn 2 % u 10 % tal-valur tal-premju (jew bejn 4 % u 20 % f'każ ta' ripetizzjoni).

17. Tħassir tal-kompetizzjoni

Il-Kummissjoni tista' tħassar il-kompetizzjoni jew tiddeċiedi li ma tagħtix premju — mingħajr l-ebda obbligu li tikkompensa lill-parteċipanti, jekk:

- ma tasal l-ebda applikazzjoni
- ma jinstabx rebbieħ (l-ebda applikazzjoni ma taqbeż il-limitu tal-evalwazzjoni), jew
- ir-rebbieħ(a) mhuwiex/mhumieħ eliġibbli jew għandu/għandhom jiġi/jiġu eskluż(i).

18. Il-liġi applikabbli u l-ġurisdizzjoni kompetenti

Il-Kompetizzjoni hija rregolata mil-liġi tal-Unjoni applikabbli, ikkumplementata, fejn ikun meħtieġ, mil-liġi tal-Belġju. Il-Qorti Ġenerali jew, fuq appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni esklużiva biex jisimgħu kull tilwima li jista' jkun hemm bejn l-Unjoni u kwalunkwe parteċipant dwar l-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew il-validità tar-regoli ta' din il-kompetizzjoni, jekk it-tali tilwima ma tkunx tista' tissolva b'mod amikevoli. Għall-parteċipanti li huma Organizzazzjonijiet internazzjonali, tali tilwim mal-Kummissjoni relatat mal-Kompetizzjoni jrid - jekk ma jistgħax jissolva b'mod amikevoli - jiġi riferut lejn lill-arbitraġġ. Se japplikaw ir-Regoli Fakultattivi tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ għal

Arbitraġġ li Jinvolvi Organizzazzjonijiet u Stati Internazzjonali li jkunu fis-seħħ fid-data li tidħol fis-seħħ il-Kompetizzjoni.

19. Evidenza fuq talba

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni u evidenza applikabbli kif indikat fit-taqsima V "Evidenza fuq talba" fid-Dikjarazzjoni fuq l-Unur.

20. Kuntatt

Għal mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu speċifikament ma' dan il-Premju, jekk jogħġbok ikkuntattja:

eac-janamoscomenius-prize@ec.europa.eu

